# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 17 ta' Frar 2020**

**Rikors Numru : 380/2018JPG**

**Kawza Numru : 26**

**SCK detentur tal-karta tal-identita' numru X debitament rappresentat mill-Avukat Dottor Carlo Bisazza fil-Kwalita' tieghu ta' mandatarju specjali**

**Vs**

**U b'digriet tad-9 t'Ottubru 2018, l-Avukat Dr. Dustin Camilleri u PL Nicolette Aquilina gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lill-assenti MR detentrici tal-karta tal-identita' numru Y**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SCK, datat 29 ta' Awissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet iżżewwġu fl-erbgħa (4) ta' April tas-sena elfejn u disgħa (2009) (dok CB 1) u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de facto mill-1 ta' Ġunju 2014, u legalment separati*

*permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja pubblikat fl-atti tan-Nutar Henri Vassallo, liema kuntratt huwa datat 19 ta' Diċembru 2016 (Ara Dok CB 2)*

*Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom ma jgħixu flimkien bħala raġel u mara miżżewwġin għal aktar minn erba (4) snin, ir-rikorrenti ma għandux informazzjoni ta' fejn tinstab.*

*Illi għar-rigward manteniment, ai termini tal-artikolu 4 tal-Kuntratt ta' separazzjoni anness, il-partijiet irrinunzjaw reċiprokament li jitolbu jew jirċievu manteniment mingħand xulxin.*

*Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66 B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati a fol 40 li taqra hekk:

1. *Illi d-deputati kuraturi ġew hekk nominati permezz ta'digriet ta' din il-Qorti datat 9 ta' Ottubru 2018;*

2. *Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk qegħdin jirriservaw id-dritt li jippreżentaw risposta motivata f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti.*

3. *Illi l-esponenti jirriservaw li jippreżentaw eċċezzjonijiet kemm il-darba*

*jirnexxielhom jagħmlu kuntatt mal-konvenuta.*

4. *Illi l-esponenti qegħdin jitolbu minn issa l-indirizz u/jew dettalji oħra li jista jkollu l-attur li permezz tagħhom ikunu jistgħu jikkuntattjaw lil MR;*

5. *Illi f'dan l-istadju, l-esponenti ma għandhomx noti u dokumenti x'jippreżentaw, kwindi jirriservaw id-dritt li jagħmlu dan fi stadju ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Salv risposta ulterjuri u/jew eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet taghha datat 16 ta' Ottubru 2019;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B, 66C u 66N tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

Illi **SCK** xehed bl-affidavit, fol 49, illi huwa iżżewweġ lil MR fl-4 ta' April 2009 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr Henri Vassallo fid-19 ta' Diċembru 2016. Mill-mument li waqfu jgħixu flimkien, qatt ma reġgħu marru jgħixu flimkien. Rigwardanti l-manteniment skond l-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni personali, huma irrinunzjaw għall-manteniment mingħand xulxin. Illum it-tnejn jgħixu ħajja indipendenti wieħed mill-ieħor, u ma għandhomx kuntatt flimkien. Iż-żwieġ tkisser irrimedjabilment u ma hemmx prospett li jerġgħu jirrikonciljaw.

Illi **MR** xehdet bl-affidavit, fol 57, illi l-interessi tagħha skond il-kuntratt ta' separazzjoni ma kienux imħarsa. Xehdet illi SCK ma ħax ħsieb ir-registrazzjoni tal-vettura meta din ġiet trasferita f'isimha.

Illi **SCK** xehed fol 65 li huwa iżżewweġ fl-4 ta' April 2009 u li minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal. Illi huwa waqaf jgħix ma' martu fit-30 ta' Mejju 2014. Li huma isseparaw formalment fid-19 ta' Diċembru 2016. Illi fil-kuntratt, il-partijiet irrinunzzjaw għall-manteniment. Illi ma

hemmx prospett ta' rikonċiljazzjoni.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti (fol 71) f'digriet taghha datat 16 ta' Ottubru 2019 issollevat ex officio il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti fil-proċeduri odjerni, u akkordat żmien lill-partijiet sabiex jekk ikun il-kaz, iressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom fuq il-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni.

Illi r-rikorrenti ippreżenta rikors datat 10 ta' Diċembru 2019 (fol 2 et seqq Rikors Nru 380/18/2 JPG) fejn talab lil din il-Qorti tirrevoka contrario imperio id-digriet tagħha tas-16 ta' Ottubru 2019 u fin-nuqqas illi din it-talba tiġi akkolta, li s-sottomissjonijiet magħmula kif ukoll id-dokumentazzjoni ippreżentata mar-rikors jikostitwixxu l-provi u sottomissjonijiet mitluba minn din il-Qorti ai termini tal-istess digriet tagħha.

Illi ma' dan ir-rikors, ir-rikorrenti ippreżenta nota mis-surmast ta' St Edward's College fejn dan iddikjara illi r-rikorrenti kien student full time bejn Settembru 1987 u Ġunju 1995 (Dok A, fol 6). Ir-rikorrenti ippreżenta ukoll kopja tal-karta tal-identita Maltija tiegħu (dok B, fol 7). Ippreżenta ukoll kopja tal-karti tal-identita Maltija tal-ġenituri tiegħu ( Dok C, fol 9). Finalment ippreżenta ukoll kopja tal-liċenzja tas-sewqan tiegħu (Dok D, fol 11).

Illi fir-risposta tal-Kuratur Dottor Dustin Camilleri datata 18 ta' Diċembru 2019 (fol 13 et seqq Rikors Nru 380/18/2 JPG), huwa irrimetta ruħu għas-savju ġudizzju ta' din il-Qorti.

Din il-Qorti appuntat dan ir-rikors għas-smiegħ tal-provi dwar il-gurisdizzjoni għall-15 ta' Jannar 2020.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghmel accenn ghal-Artikolu 66(N) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi jiddisponi dwar il-gurisidzzjoni tal-Qrati Maltin f'kawzi ta' divorzju jew separazzjoni personali. Infatti dan l-Artikolu jipprovdi:

> ***"66N. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili jkollhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu talba għad-divorzju biss jekk, mill-inqas waħda mill-ħtiġiet li ġejjin tkun sodisfatta:***

*(a) mill-inqas waħda mill-miżżewġin kellha d-domiċilju tagħha f'Malta fid-data meta tkun saret it-talba għad-divorzju lill-qorti ċivili kompetenti; jew*

*(b) mill-inqas waħda mill-miżżewġin kellha r-residenza ordinarja tagħha f'Malta matul il-perjodu ta' sena, immedjatament qabel ma tkun saret talba għad-divorzju.*

*(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), fejn ikun hemm pendenti, quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili f 'Malta, kawża, inkluża kawża li tkun qed tinstema' fi grad t'appell, għall-ksib ta' separazzjoni personali taħt is-Sub-Titolu III ta' dan it-Titolu, u l-qorti jkollha l-ġurisdizzjoni biex tisma' u tiddeċiedi dik il-kawża, il-qrati ta' ġurisdizzjoni ċivili f'Malta jkollhom ukoll ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu talba għad-divorzju bejn l-istess partijiet."*

Il-Qorti tirrileva li l-kwistjoni legali tal-kawza odjerna ddur ukoll fuq l-applikabbilita' tar-**Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003** tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-Gurisdizzjoni.

L-Artikolu 3 tal-istess Regolament jipprovdi is-segwenti:

"*1. Fi kwistjonijiet dwar id-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ, il-ġurisdizzjoni ħa taqa' taħt il-kompetenza ta' l-qrati ta' l-Istat Membru (a) f'liema territorju:*

*— il-konjuġi huma abitwalment residenti, jew —*

*— il-konjuġi kienu joqgħodu hemm l-aħħar, peress illi xi ħadd minnhom għadu/għadha resident hemm, jew*

*— il-konvenut huwa abitwalment residenti, jew*

*— fil-każ ta' applikazzjoni konġunta, wieħed jew waħda mill-konjuġi huwa abitwalment residenti, jew*

*— L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu joqgħodu hemm mill-inqas sena mmedjatament qabel ma' saret l-applikazzjoni, jew*

***— L-applikant huwa abitwalment residenti jekk hu jew hija kienu residenti hemm mill-inqas sitt xhur immedjatament qabel saret l-applikazzjoni u jekk wieħed jew waħda minnhom huwa ċittadin ta' l-Istat Membru in kwistjoni jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, għandu jew għandha "id-domiċilju" hemmhekk;***

***(b) dwar in-nazzjonalità taż-żewg konjuġi jew, fil-każ tar-Renju Unit u l-Irlanda, dwar "id-domiċilju" taz-żewġ konjuġi".***

Fil-kawza **Mary Debattista vs George Debattista, Appell, 16/10/1961, (XLV.i.318)** inghad:

***"Bhala regola jidher li hu principju affermat diversi drabi mill-Qrati Taghna illi l-Malti li jemigra, avolja jdum hafna zmien, ma jitlefx id-domicilju tal-origini tieghu meta jkun mar ghax-xoghol, anke jekk jiehu l-familja mieghu, sakemm ma jkunx hemm provi precizi li huwa ma ghandux ebda intenzjoni li jigi lura (sottolinear ta' din il-Qorti)."***

Mill-provi prodotti, jirrizulta illi r-rikorrenti SCK huwa imwieled Malta minn genituri Maltin (kif jirriżulta mill-kopji tal-karta tal-identita Dok B, fol 7, u Dok C, fol 9 ). Huwa kien jattendi ukoll skola Malta, f'St Edward's College (Dok A fol 6), mar l-Universita Malta. In oltre, minkejja illi ghamel zmien jahdem barra minn Malta ghamel perjodu sostanzjali igawdi minn *diplomatic status* Malti meta kien jahdem mal-*Malta Tourism Authority* barra minn Malta. Mix-xhieda ta' SCK (fol 19) jirriżulta li huwa ghandu domicilju Malti u qatt ma kellu l-intenzjoni li jabbanduna d-domiċilju Malti tiegħu. Fil-fatt huwa xehed illi ċ-ċentru ta' ħajtu għadha Malta u ma għandux interess illi jibqa barra minn Malta. Di piu' ghandu Nazzjonalita Maltija.

La darba d-domiċilju Malti tar-rikorrenti SCK jirriżulta ippruvat oltre li SCK igawdi minn Nazzjonalita Maltija, din il-Qorti għandha ġurisdizzjoni tisma u tiddeċiedi l-proċeduri odjerni ta' divorzju.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma***

*jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]*

*66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:*

*(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u*

*(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' April 2009 (dok CB 1, fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Henri Vasallo, datat 19 ta' Diċembru 2016 (vide Dok. CB2 fol 5 et seqq.) pero ilhom de facto separati sa' mill-1 ta' Ġunju 2014 u għalhekk ilhom separati de facto għal aktar mill-erba' snin li trid il-liġi.

Jirrizulta ukoll illi arretrati ta' manteniment ma hemmx.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**